

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tad-disinn kontenzjuż: ir-rikorrenti

Disinn kontenzjuż: id-disinn Komunitarju Nru 198387-0001

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Jannar 2018 fil-Każ R 941/2016-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tad-disinn Komunitarju kkontestat Nru 198387-0001.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2018 – Brita vs EUIPO (Forma ta' vit għall-preparazzjoni u d-distribuzzjoni ta' bibiti)

(Kawża T-213/18)

(2018/C 166/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Brita GmbH (Taunusstein, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Koch Moreno, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark tridimensjonali tal-Unjoni bil-kulur abjad u iswed (Forma ta' vit għall-preparazzjoni u d-distribuzzjoni ta' bibiti – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 053 068)

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Jannar 2018 fil-Każ R 1864/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna li għandha tiġi aċċettata l-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 16 053 068 għal oġġetti u servizzi fil-klassijiet 7, 11, 21, 37 u 40;

— tikkundanna lill-EUIPO kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk ta' BRITA GmbH.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001;

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2018 – Aliança – Vinhos de Portugal vs EUIPO – Lidl Stiftung
(ALIANÇA VINHOS DE PORTUGAL)**

(Kawża T-222/18)

(2018/C 166/61)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aliança – Vinhos de Portugal SA (Anadia, il-Portugall) (rappreżentant: J. Mioludo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Lidl Stiftung & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni ALIANÇA VINHOS DE PORTUGAL – Trade mark tal-Unjoni Nru 13 907 027

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Jannar 2018 fil-Każ R 1206/2017-5.

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-4 ta' April 2017 bin-numru tal-kanċellazzjoni 13433 C;
- tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark tal-Unjoni bin-numru ta' reġistrazzjoni 13 907 027 “ALIANÇA VINHOS DE PORTUGAL (fig.)”;
- iżomm fis-seħħ it-trade mark tal-Unjoni bin-numru ta' reġistrazzjoni 13 907 027 “ALIANÇA VINHOS DE PORTUGAL (fig.)” għall-oġġetti kollha koperti minnha;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Lidl Stiftung & Co. KG kemm għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll għal dawk tal-appellant.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 60(1)(a) tar-Regolament Nru 2017/1001.
